MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2014

Rikors Numru. 407/2014

**Av. Antoine Camilleri [Numru tal-Karta Tal-Identita` 495276(M)] bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rappresentanza taz-zewg socjetajiet esteri adidas International Marketing B.V. u adidas AG**

***kontra***

**(1) Ir-Registratur tal-Qorti**

**(2) Dr. Yana Micallef Stafrace u Sacha Guillaumier f`isimhom propju u fil-kwalita` taghhom bhala kuraturi deputati appuntati b`digriet tal-Qorti tas-26 ta` Lulju 2013 ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Offshore International Development Limited, RM 907 WO 001 Wing Tuck China, u tas-socjeta` Banque Al Baraka D`Algerie**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors prezentat fit-<u>12 ta` Mejju 2014</u> li jaqra hekk–

*Illi l-esponent intavola proceduri gudizzjarji fl-ismijiet Av. Antoine Camilleri bhala prokuratur specjali ghan-nom u in rappresentanza taz-zewg socjetajiet esteri adidas International Marketing B.V. u adidas AG vs Dr. Yana Micallef Stafrace u P.L. Sacha Guillaumier gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta` Offshore International Development Limited, RM 907 WO 001 Wing Tuck Comm Ctr 177-183 Wing Lok ST HK China, u lis-socjeta` Banque Al Baraka D`Algerie b`digriet tas-26 ta` Lulju 2013 (Citazzjoni Numru 582/2013), liema proceduri gew konkluzi favur iz-zewg socjetajiet attrici permezz tas-sentenza tal-Qorti Civili (Prim`Awla) datata 15 ta` Ottubru, 2013 (Dok. "A", kopja informali tas-sentenza).*

*Illi dawn il-proceduri kienu jinkludu talba lill-Qorti biex tiddikjara u tiddeciedi illi z-zraben sportivi u l-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi mertu tal-kawza li jinsabu maqbuda wara l-applikazzjoni bil-miktub li ghamlu s-socjetajiet rikorrenti lill-Kontrollur tad-Dwana, huma oggetti falsifikati u/jew oggetti mdahhla b`piraterija (skond l-Artikolu 2(1)(a) u/jew (b) tal-KAP. 414). Il-Qorti intalbet ukoll tordna lill-Kontrullur tad-Dwana u/jew lis-socjetajiet rikorrenti sabiex jiddistruggu z-zraben sportivi u l-abbiljamenti tal-hwejjeg sportivi in kwistjoni minghajr ebda kumpens lil, u ghas-spejjez tas-socjetajiet intimati jew min minnhom, skond l-Artiklu 8 tal-KAP. 414 (fost talbiet ohra).*

*Illi fis-sentenza taghha tal-15 ta` Ottubru 2013 (ara Dok "A"), il-Qorti laqghet it-talbiet attrici u ddecidiet kontra s-socjetajiet/entitajiet konvenuti assistiti mill-kuraturi deputati.*

*Illi fil-25 ta` Ottubru 2013 giet mahduma mir-Registratur tal-Qorti taxxa ufficjali tad-drittijiet u spejjez tar-Rikors Guramentat Numru 582/2013 fl-ismijiet indikati hawn fuq u deciza fil-Qorti Civili (Prim`Awla) fil-15 ta` Ottubru 2013 u li minn din it-taxxa (mahruga fil-29 ta` Ottubru 2013) jirrizulta illi d-drittijiet tar-rappresentanti legali tal-konvenuti jammontaw ghal seba` mija disgha u hamsin Ewro u tlieta u tletin centezmu (EUR759.33) (ara Dok. "B", kopja tat-taxxa tal-29 ta` Ottubru 2013).*

*Illi sussegwentement, u bla ebda raguni valida skond il-ligi, ir-Registratur tal-Qorti rega` hadem it-taxxa ghall-istess kawza numru 582/2013 liema taxxa giet mibghuta lill-esponent mill-kuraturi deputati permezz ta` ittra datata 15 ta` April 2014 (ara Dok. "C", kopja tal-imsemmija ittra u tat-taxxa riveduta kif mahduma u mahruga fil-11 ta` April 2014 li ssemmi l-fatt li t-taxxa giet mitluba minn Dr. Yana Micallef Stafrace).*

*Illi permezz tal-ittra datata 15 ta` April 2014 l-esponent gie mitlub ihallas (a nom taz-zewg socjetajiet rikorrenti) is-somma ta` elf tlett mija, hamsa u tletin Ewro u sitta u sebghin centezmu (EUR1,335.76) bhala drittijiet (u VAT) tal-Avukat Yana Micallef-Stafrace u tlett mija hamsa u disghin Ewro u erbgha u tletin centezmu (EUR395.34) bhala drittijiet (u VAT) tal-prokuratur legali Sacha Guillaumier ghall-prestazzjonijiet professjonali fil-kawza Dr. Antoine Camilleri noe vs Dr. Yana Micallef Stafrace et., citazzjoni numru 582/13/MCH u dana skond it-tieni taxxa msemmija aktar il-fuq, kif annessa mal-istess ittra legali (Dok. "C").*

*Illi fit-tieni taxxa tal-11 ta` April 2014 jidher illi d-drittijiet tal-kuraturi huma d-doppju ta` dawk indikati fit-taxxa originali u dan ghaliex gew intaxxati drittijiet shah ta` kull konvenut involut fil-kawza (tnejn).*

*Illi l-esponent jixtieq jattakka din it-tieni taxxa tal-11 ta` April 2014 bhala irregolari ai termini tal-artikolu 64 tal-Kap 12 u tal-prassi legali f`Malta.*

*Illi l-punti principali ta` dan ir-rikors huma s-segwenti :-*

*1. Illi galadarba t-taxxa giet mahduma u mahruga ufficjalment mir-Registratur tal-Qorti fil-29 ta` Ottubru tal-2013 (Dok. "B"), l-intaxxar li sar mir-Registratur tal-ammont ta`drittijiet li ghandu jithallas huwa "finali" (skond l-artikolu 9(2) tal-iskeda A tal-Kap. 12) u dan l-ammont ma setghax jigi rivedut jew mibdul fuq talba ta` wahda mill-partijiet - kif jidher izda illi sar f`dan il kaz (ara kopja tat-taxxa f`dok "C"). L-uniku mod li jistghu jigu attakkati t-taxxi maghmulin mir-Registratur huwa permezz ta` rikors li ghandu jigi trattat sommarjament mill-Qorti (li f`dan il-kaz ma sarx mill-ebda parti).*

*2. Illi l-metodu ta` intaxxar uzat mir-Registratur fit-tieni taxxa tal-11 ta` April (ara Dok. "C") kien erronju u irregolari. Il-kuraturi deputati ma jistghux jippretendu drittijiet separati ghal kull konvenut li huma jkunu qed jirrapresentaw <u>fl-istess kawza</u> – specjalment jekk l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kollha huma identici.*

***A. <u>Legalment</u>***

*1. Illi proceduralment, galadarba taxxa tigi mahduma u mahruga ufficjalment mir-Registratur tal-Qorti, skond l-artikolu 9(2) tal-iskeda A tal-Kap 12, dik it-taxxa tar-registratur tkun "**finali**". Dan ifisser illi l-uniku mod li tista tigi attakkata din it-taxxa huwa permezz tal-azzjoni ikkuntemplata fl-artikolu 64 tal-Kap 12, jigifieri permezz ta` rikors (fiz-zmien stipulat mill-ligi) li ghandu jigi trattat sommarjament mill-Qorti.*

*Illi f`dan il-kaz partikulari, l-intaxxar mir-Registratur sar skond il-ligi fil-29 ta` Ottubru 2013 (Dok. "B") izda, ghal xi raguni, wara li saret talba mill-avukat Yana Micallef Stafrace, ir-Registratur hareg taxxa ohra (ara Dok. "C") f`ammont erronju u irregolari (kif sejjer jigi trattat hawn isfel fit-tieni punt).*

*Illi mill-ewwel punt biss huwa evidenti li hija t-taxxa mahduma fil-15 ta` Ottubru 2013 u mahruga fil-29 ta` Ottubru 2013 (Dok "B") li hi dik "**finali**" (u mhux ikkuntestata formalment minn l-ebda wahda mill-partijiet) u li allura ghandha tigi osservata u mhux it-tieni taxxa, mahduma u mahruga fil-11 ta` April 2014 (Dok "C").*

*2. Illi anki kieku kellha tigi osservata t-tieni taxxa kif riveduta, mahduma u mahruga fil-11 ta` April 2014 (Dok. "C") u mhux dik originali mahruga fil-29 ta` Ottubru 2013 (Dok. "B"), xorta wiehed jasal ghall-konkluzjoni illi t-taxxi maghmulin mir-Registratur f`din tal-ahhar huma errati u irregolari ghaliex huma d-doppju ta` kemm suppost.*

*Illi fit-taxxa riveduta (Dok. "C"), ir-registratur hadem id-drittijiet tal-avukat Yana Micallef Stafrace u tal- PL Sacha Guillaumier bi shih ghal kull wiehed miz-zewg konvenuti (jigifieri Offshore International Development Limited u Banque al Baraka d`Algerie).*

*Illi allura, minflok drittijiet li jammontaw ghal seba` mija disgha u hamsin Ewro u tlieta u tletin centezmu (EUR759.33) (is-somma mahduma fit-taxxa originali), id-drittijiet riveduti jammontaw ghal seba` mija disgha u hamsin Ewro u tlieta u tletin centezmu (EUR759.33) X 2, jigifieri elf hames mija u tmintax il-Ewro u sitta u sittin centezmu (EUR1518.66).*

*Illi mhux qed jigi kkontestat l-ammont ta` EUR759.33 kif mahrug originalment mir-Registratur fil-29 ta` Ottubru tal-2013 (Dok. "B") izda qed jigi kkontestat bi shih il-fatt li dan l-ammont huwa ntaxxat separatament ghal kull konvenut li l-kuraturi qed jirrepresentaw <u>fl-istess kawza</u> in kwistjoni.*

*Illi legalment, il-Kap 12 (Artikolu 32. (b) tat-Tariffa E) jghid hekk :-*

*"Meta f`kawza jkun hemm zewg atturi jew izjed jew zewg konvenuti jew izjed, kull wahda mill-partijiet ikollha dritt ghall-Avukat jew Avukati taghha anke jekk il-meritu huwa l-istess dwar l-atturi kollha jew dwar il-konvenuti kollha ; u l parti kundannata li thallas l-ispejjez tkun marbuta li thallas **<u>id-drittijiet xierqa</u>** tal-Avukati kollha tan-naha tar-rebbieha sakemm ebda parti wahda ma titlob spejjez ta` aktar minn Avukat wiehed (emfazi mizjud)."*

*Illi fl-ebda parti tal-ligi ma jissemma l-fatt li kuratur li jkun qed jidher ghal iktar minn konvenut wiehed ghandu d-dritt li jitlob taxxi separati skond in-numru tal-konvenuti illi hu/hi jkun/tkun qed jirreprezenta/tirreprezenta fl-istess kawza. Dan il-punt gie kkonfermat anki fil-kazistika nostrana (ara Perit Joseph Xuereb et. vs Registratur tal-Qorti, Qorti Civili (Prim`Awla) 26 ta` Novembru, 2013). Il-fatti ta` din il-kawza citata huma simili hafna ghal dawk in kwistjoni ghaliex fil-kawza citata, l-Assistent Registratur kien hareg dritt ghal kull nota tal-eccezzjonijiet ghalkemm din kienet l-istess wahda fl-erba` kazijiet in dizamina u iffirmata mill-istess avukat (u l-Qorti ordnat illi t-taxxa tigi mhassra).*

*Illi fil-kawza in kwistjoni, il-kuraturi ressqu l-istess difiza ghaz-zewg konvenuti permezz ta` zewg noti ta` eccezzjonijet li huma identici [fit-tnejn intqal illi l-kuraturi m`humiex edotti mill-fatti tal-kaz] (ara Dok. "D" u Dok. "E", kopji tar-risposti tal-kuraturi tas-16 ta` Settembru, 2013 fil-kawza numru 582/2013) u allura ma jistax jigi pretiz xi dritt doppju ghal-dan ix-xoghol.*

*Illi ghalhekk, kif huwa ikkonfermat anki mill-kazistika, ma hemm xejn fil-ligi li toffri lill-kuraturi id-drittijiet mitluba fl-ittra taghhom (Dok "C") izda biss drittijiet xierqa kif gew mahdumin fit-taxxa originali (Dok "B").*

***B. Fattwalment u Ragonevolment***

*Illi jigi relevat l-ewwelnett li l-prassi f`kawzi tat-tip in ezami hija li kuratur wiehed jew wahda jigi/tigi appuntat/a mill-Qorti biex tirrapprezenta konvenuti assenti minn Malta. F`dan il-kaz partikulari hekk gara. Il-Qorti b`digriet wiehed (ara Dok. "F", kopja tad-Digriet datat 26 ta` Lulju 2013) appuntat lil Dr. Yana Micallef-Stafrace u lill-PL Sacha Guillaumier biex jirrapresentaw liz-zewg konvenuti Offshore International Development Limited u Banque al Baraka D`Algerie fl-istess kawza.*

*Illi jigi relevat ukoll illi l-prassi f`Malta hi li sakemm l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fl-istess kawza ma jkunux fis-sustanza taghhom differenti, ir-rappresentant legali li jiffirma n-noti tal-eccezzjonijiet jithallas daqslikieku kien qieghed jirrapresenta konvenut wiehed (ara Perit Joseph Xuereb et. vs Registratur tal-Qorti, Qorti Civili (Prim`Awla) 26 ta` Novembru, 2013 u, kif sejrin jigu ppresentati fil-mori tal-kawza, diversi kopji ta`*

*taxxi f`kawzi ohrajn fejn id-drittijiet tal-kuraturi ma kienux intaxxati skond in-numru ta`konvenuti).*

*Illi f`dan il-kaz partikolari m`hemmx dubbju illi s-sustanza tal-eccezzjoni hija l-istess fis-sens illi l-kuraturi ddikjaraw li ma rnexxilhomx jaghmlu kuntatt mal-entitajiet esteri li huma kienu qed jirraprezentaw u li ghalhekk ma kinux f`pozizzjoni li jressqu difiza fil-mertu ghaliex mhux edotti mill-fatti tal-kaz. Huwa minnu illi stqarrew ukoll illi jirriservaw id-dritt illi jipprestaw risposta motivata f`kaz li jigu edotti mill-fatti izda dan ma sehhx u ghalhekk fl-ebda mument tal-proceduri ma kien hemm distinzjoni bejn id-difiza mressqa minn intimat u minn iehor.*

*Illi ghandu finalment jigi relevat ukoll li kieku, dato ma non concesso, it-talba tal-kuraturi kif tohrog mill-ittra taghhom (Dok. "C") kienet accettabbli, dak ifisser li rappresentant wiehed li jkun qieghed jidher ghal hafna partijiet (bhal per ezempju f`kaz ta`wirt) li adottaw l-istess linja ta` difiza jista` jitlob bhala drittijiet legali ammonti enormi anki jekk l-eccezzjonijiet li jkun ipprepara ikunu identici ! Fil-prattika, dan ikun ifisser ukoll illi l-atturi jistghu jkunu ppregudikati milli jifthu in bwona fede kawza kontra kull min huma jahsbu li huma l-konvenuti minhabba biza ta` spejjez irragjonevoli. Dan zgur mhux l-intenzjoni tal-legislatur u allura wiehed ikollu jistrieh fuq il-bon sens, fuq il-kazistika u fuq il-prassi f`kazijiet bhal dawn (li minnhom hemm diversi).*

*Ghaldaqstant, is-socjetajiet rikorrenti ai termini tal-artikolu 64 tal-Kap 12 jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghogobha thassar u tirrevoka t-taxxa tad-drittijiet ghas-somma ta` elf hames mija u tmintax il-Ewro u sitta u sittin centezmu (EUR1518.66) drittijiet u VAT, ghall-prestazzjonijiet professjonali fil-kawza Dr. Antoine Camilleri noe vs Dr. Yana Micallef Stafrace et., citazzjoni numru 582/13/MCH, mahruga fil-11 ta` April 2014 lilhom notifikata permezz ta` ittra legali datata 15 ta` April 2014 u tordna li t-taxxa applikabbli hija dik originali mahruga fil-29 ta` Ottubru 2013 ghas-somma ta` seba` mija disgha u hamsin Ewro u tlieta u tletin centezmu (EUR759.33) drittijiet u VAT ghall-prestazzjonijiet professjonali fil-kawza bl-istess okkju.*

Rat id-dokumenti li kienu annessi mar-rikors.

Rat ir-risposta guramentata li pprezenta d-Direttur Qrati Civili u Tribunali fit-12 ta` Gunju 2014 li taqra hekk :–

*1. Illi din hija kawza ghal ritassa. Kif jirrizulta mill-atti fil-25 ta' Ottubru 2013 inharget taxxa rigwardanti l-kawza numru 582/13MCH mertu ta' din ir-ritassa. Sussegwentement fuq talba ta' Dr Yana Micallef Stafrace fil-11 ta' April 2014 inharget taxxa ohra b'zewg drittijiet tal-kuraturi deputati.*

*2. Illi l-esponenti jirrileva li t-taxxa korretta hija l-ewwel wahda u cioe' dik tal-25 ta' Ottubru 2013 peress illi n-nomina ta' Dr Yana Micallef Stafrace u PL Sacha Guillaumier bhala kuraturi deputati ghall-assenti kienet nomina wahda ghaz-zewg konvenuti assenti. Illi ghalhekk huwa l-kaz illi jinhareg dritt wiehed.*

*3. Illi fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz zgur li l-esponenti m'ghandux jigi akkollat ebda spejjez izda semmai ghandha tkun spejjez bla taxxa kemm ghaliex iz-zewg taxxi ma kinux ghadhom gew rezi esegwibbli bl-opportuna ittra ufficjali u ghalhekk minn dan il-lat fil-konfront tal-esponenti l-kawza hija ntempestiva.*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti jirrileva illi huwa joqghod ghal kwalsiasi ordni li tohrog din l-Onorabbli Qorti, izda f'kull kaz jitlob li ma jigix addossat spejjez.*

*5. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tad-Direttur konvenut li taqra :-

*1. Illi dawn il-fatti jafhom hu personalment.*

*2. Illi din hija kawza ghal ritassa. Kif jirrizulta mill-atti fil-25 ta' Ottubru 2013 inharget taxxa rigwardanti l-kawza numru 582/13MCH mertu ta' din ir-ritassa. Sussegwentement fuq talba ta' Dr Yana Micallef Stafrace fil-11 ta' April 2014 inharget taxxa ohra b'zewg drittijiet tal-kuraturi deputati.*

*3. Illi l-esponenti jirrileva li t-taxxa korretta hija l-ewwel wahda u cioe' dik tal-25 ta' Ottubru 2013 peress illi n-nomina ta' Dr Yana Micallef Stafrace u PL Sacha Guillaumier bhala kuraturi deputati ghall-assenti kienet nomina wahda ghaz-zewg konvenuti assenti. Illi ghalhekk huwa l-kaz illi jinhareg dritt wiehed.*

*4. Illi fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz zgur li l-esponenti m'ghandux jigi akkollat ebda spejjez izda semmai ghandha tkun spejjez bla taxxa kemm ghaliex iz-zewg taxxi ma kinux ghadhom gew rezi esegwibbli bl-opportuna ittra ufficjali u ghalhekk minn dan il-lat fil-konfront tal-esponenti l-kawza hija ntempestiva.*

*5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponenti jirrileva illi huwa joqghod ghal kwalsiasi ordni li tohrog din l-Onorabbli Qorti, izda f'kull kaz jitlob li ma jigix addossat spejjez.*

Rat il-lista tax-xhieda indikati mid-Direttur konvenut.

Rat ir-risposta guramentata li l-Av. Dr. Yana Micallef Stafrace u l-PL Sacha Guillaumier f`isimhom propju u fil-kwalita` taghhom bhala kuraturi deputati pprezentaw fis-17 ta` Gunju 2014. Taqra hekk :–

*1. Illi preliminarjament, l-esponenti qatt ma agixxew f'isimhom proprio u ghandhom jigu liberati minn kwalsiasi responsabbilta' proprio, bl-ispejjez kontra l-attur noe ;*

*2. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez ghas-segwenti ragunijiet;*

*3. Illi t-taxxa kif mahduma hija korretta stante li hija konformi mal-ligi, u specifikament ma' Tariffa E tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ;*

*4. Illi l-mod ta' ntaxxar a bazi tat-taxxa tal-11 ta' April 2014, u cioe' l-intaxxar ta' zewg drittijiet ghall-esponenti tirrapprezenta l-prestazzjonijiet professjonali tal-esponenti ghaz-zewg konvenuti fil-kawza Dr. Antoine Camilleri noe vs Dr. Yana Micallef Stafrace et, u cioe' is-socjeta' Banque Al Baraka D'Algerie u s-socjeta' Offshore International Development Limited, li huma zewg entitajiet separati b'pozizzjonijiet legali distinti.*

*Salv eccezzjonijiet ohra permessi bil-Ligi.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-kuraturi deputati li taqra hekk :-

*1. Illi l-esponenti qatt ma agixxew hlief bhala kuraturi ;*

*2. Illi l-esponenti ordnaw taxxa, liema taxxa nharget ai termini tal-Ligi, u dana dejjem fil-kwalita` ta` l-esponenti bhala Kuraturi Deputati ;*

*3. Illi l-posizzjoni ta` zewg entitajiet distinti, li taghhom huma Kuraturi Deputati, hija wahda totalment distinta mill-ohra, kif rifless fil-presentat ta` zewg noti ta` eccezzjonijiet. La l-attur noe ghazerl li jharrek zewg entitajiet legali separati, dawn iz-zewg entitajiet separati ghandhom id-dritt li separatament, tramite kuraturi depututati, jiddefendu l-posizzjoni taghhom. Il-fatt li f`dawn it-tip ta` kawzi rigwardanti trade marks u kuraturi deputati, hafna drabi ma jinqalghux sitwazzjonijiet fejn wiehed irid jidhol fil-fond fid-distinzjoni bejn il-posizzjoni taz-zewg entitajiet differenti huwa fatt purament kazwali. Dan pero` ma jnehhix il-fatt li dawn iz-zewg entitajiet jibqghu entitajiet distinti. Il-Ligi tesigi li kull konvenut ghandu d-dritt li l-possizzjoni tieghu tigi salvagwardjata. Li kieku dan ma kienx il-kaz wiehed kien jaghmel kawza in aria kontra konvenuti mhux maghrufa. Inoltre huma l-partijiet msemmija fil-kawza li jistghu jkunu marbuta bis-sentenza ta` dik il-kawza ;*

*4. Illi l-esponenti jkunu jistghu jelaboraw aktar fil-fond waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*

Rat il-verbal tal-udjenza tal-21 ta` Ottubru 2014.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

## II. Konsiderazzjonijiet

Fl-14 ta` Gunju 2013, l-attur noe pprezenta rikors guramentat kontra zewg socjetajiet esteri li huma assenti minn dawn il-Gzejjer fejn, abbazi tal-premessi ndikati minnu, ressaq serje ta` talbiet.

Billi z-zewg socjetajiet kienu assenti minn dawn il-Gzejjer, l-attur noe talab il-hatra ta` kuraturi deputati. Fis-26 ta` Lulju 2013, kienu mahtura l-Av. Dr. Yana Micallef Stafrace u l-P.L. Sacha Guillaumier bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw liz-zewg socjetajiet esteri fil-kawza istitwita mill-attur noe u f`kull att iehor relatat u sussegwenti.

Fis-16 ta` Settembru 2013, il-kuraturi deputati flimkien ipprezentaw risposta ghal kull wahda miz-zewg socjetajiet esteri. Il-mertu tar-risposti u l-lista tax-xhieda kienu identici.

Il-kawza istitwita mill-attur noe kienet deciza fil-15 ta` Ottubru 2013 favur l-attur noe (Dok A) b`dan illi dwar l-ispejjez kien deciz hekk : *bl-ispejjez kontra s-socjetajiet/entitajiet konvenuti b`dan li l-kuraturi deputati jithallsu skond il-ligi.*

Fil-25 ta` Ottubru 2013, ir-Registratur tal-Qorti hadem taxxa (Dok B) fejn ghar-rigward tal-"*konvenut*" hareg dritt wiehed ghall-'*avukat*' u dritt wiehed ghall-'*prokuratur legali*'.

**Huwa fatt inkontestat li t-taxxa li hareg ir-Registratur tal-Qorti ma gietx impunjata ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

Skond l-**Art 64(1) tal-Kap 12**, *l-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika.*

**Mhuwiex kontestat mill-konvenuti kollha fil-procediment tal-lum illi dan huwa l-istat tad-dritt. Dan ifisser li kif iddekorra t-terminu perentorju ta` xahar, it-taxxa tal-25 ta` Ottubru 2013 saret finali u giet tikkostitwixxi stat bejn il-partijiet fil-kawza li kienet deciza fil-15 ta` Ottubru 2013.**

**Ghalhekk zbalja bil-kbir ir-Registratur tal-Qorti meta koxjenti tal-fatt li kien diga` hareg taxxa fil-25 ta` Ottubru 2013, ghadda biex johrog taxxa *gdida* fil-11 ta` April 2014 (Dok C) meta t-taxxa tal-25 ta` Ottubru 2013 ma kenitx giet impunjata.**

**Irid jinghad illi t-taxxa l-*gdida* kienet radikalment differenti minn dik tal-25 ta` Ottubru 2013 ghar-ragunijiet indikati mill-attur noe fil-procediment tal-lum.**

**Ghal dan in-nuqqas grossolan ir-Registratur tal-Qorti jkollu jgarrab il-konsegwenzi kif sejjer jinghad `il quddiem.**

**Il-Qorti tista` tieqaf hawn ladarba accertat illi t-taxxa tal-25 ta` Ottubru 2013 kienet dik valida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

Fl-istess waqt izzid tghid ***obiter*** illi l-kuraturi deputati kienu nominati fil-kawza in kwistjoni sabiex jirrapprezentaw liz-zewg socjetajiet esteri. Huwa rrilevanti l-fatt li z-zewg socjetajiet huma entitajiet distinti ghaliex in kwistjoni mhuwiex il-karattru guridiku taghhom, izda l-inkariku li kellhom l-kuraturi deputati u cioe` li jirrapprezentawhom lit-tnejn. Fl-eskuzzjoni tal-inkariku tal-kuraturi deputati, ma rrizulta l-ebda konflitt bejn iz-zewg socjetajiet esteri. Id-distinzjoni fid-difiza taz-zewg socjetajiet bil-presentata ta` zewg risposti guramentati identici kienet ghazla tal-kuraturi deputati. Minn imkien ma rrizulta li z-zewg socjetajiet esteri kellhom interessi konfliggenti u ghalhekk l-kuraturi ma kellhomx ghalfejn jipprezentaw zewg risposti guramentati ; setghu pprezentaw risposta guramentata wahda biex jittutelaw l-interess taz-zewg socjetajiet esteri u xorta wahda kienu mhux biss jissodisfaw il-vot tal-ligi izda kienu jkun in linea mal-obbligi legali taghhom.

**Ghar-rigward tal-ispejjez tal-procediment tal-lum, il-Qorti ma taqbel xejn mal-posizzjoni tar-Registratur tal-Qorti skond kif din hija riflessa fit-tielet u fir-raba` eccezzjonijiet tieghu. L-gherq tal-problema holoqha r-Registratur tal-Qorti ; kienet din il-problema li wasslet ghall-kawza tal-lum. Ma kien messu qatt hareg taxxa *gdida* meta t-taxxa *precedenti* kienet saret *finali* ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ghaliex ma kenitx giet impunjata skond l-Art 64(1) tal-Kap 12. It-tielet eccezzjoni hija nsostenibbli - kif del resto hija nsostenibbli anke r-raba` eccezzjoni : ma kien hemm propju xejn intempestiv fl-azzjoni attrici. Irrilevanti hija l-kwistjoni li t-*tieni* taxxa ma kenitx resa esegwibbli fid-data tal-presentata tal-kawza tal-lum. Ma kellux jippretendi r-Registratur tal-Qorti xort`ohra mill-attur noe, ladarba bl-ittra Dok C mibghuta lilu mill-kuraturi deputati fil-15 ta` April 2014, l-attur noe sab ruhu rinfaccjat – ad insaputa tieghu – b`taxxa *ohra u sussegwenti* li kienet radikalment differenti minn dik *precedenti* li kienet rilaxxjata mill-istess Registratur tal-Qorti minghajr riservi. Il-*finalita`* tat-taxxa hija determinata mill-Art 64(1) tal-Kap 12 mhux minn meta tkun giet resa esegwibbli.**

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti, filwaqt li qeghda tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, qeghda tilqa` t-talba attrici kif dedotta. Tordna li l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment jithallsu unikament mill-konvenut Registratur tal-Qorti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------